# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Numru: 14**

**15 ta' Marzu 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru 201/2021**

**Charlene Friggieri**

**v.**

**Claudio Mangion u għal kull interess li jista' jkollu Glenn Gerald Urry**

1. L-attriċi ressqet din il-kawża biex żewġ skritturi li ffirmat jiġi dikjarati nulli, u biex il-partijiet jitreġġgħu għall-pożizzjoni li kienu fiha qabel ma ġew iffirmati l-iskritturi; jew, alternattivament, biex jinstab li l-konvenut stagħna inġustament a detriment tagħha.

2. Imma din id-deċiżjoni ma tittrattax il-mertu tal-kawża. Tittratta, minflok, jekk il-konvenut, li ppreżenta d-difiża tiegħu ġurnata tard għax għamel kalkolu ħażin, għandux jitħalla jiddefendi ruħu, jew inkella għandux jiġi miżmum milli biss ikollu difiża, milli jressaq provi u milli jikkontesta l-provi miġjuba kontrih. Fi kliem ieħor għandhux jiġi ordnat jibqa' sieket tul is-smigħ tal-kawża talli kien tard kif ingħad, ħlief għall-aħħar tal-kawża meta jkun jista' jikkummenta dwar il-każ permezz ta' nota.

3. Il-konvenut Claudio Mangion jgħix ma ommu Vinċenza, u kien jgħix magħha fiż-żmien meta kellha titwassal lilu kopja tat-talba tal-attriċi, flimkien mal-avviż ta' meta kellha tibda tinstema' l-kawża. Il-posta indirizzata lill-konvenut li tasal meta ma jkunx id-dar –

li hu ġeneralment il-każ tul il-ġurnata – tirċievha ommu, tħallihielu fuq mejda u tgħidlu biha, biex wara jaraha hu. Is-sinjura Mangion ma tiftaħlux il-posta.

4. It-talba tal-attriċi, fil-forma tar-rrikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ f'dan il-każ, tħalliet f'idejn Vinċenza Mangion fil-11 ta' Ġunju 2021. Mhux ċar jekk is-sinjura Mangion qaltlux dakinhar stess li kienu waslulu dokumenti, jew jekk ħalliethomx fil-post tas-soltu, jew it-tnejn.

5. Is-sur Mangion jgħid li hu kien taħt l-impressjoni li d-dokumenti waslu dakinhar li ommu tathomlu, għaliex skont ma xehed, hi ma qaltlux li kienet irċeviethom qabel. B'dan donnu jrid jimplika li ommu tathomlu - jew almenu li hu kien taħt l-impressjoni li tathomlu – ġurnata jew ġranet wara li kienet irċeviethom. Ma jistax jiġi eskluż li, fil-fatt, is-sinjura Mangion għaddietlu d-dokumenti l-għada ta' meta waslu, jew anki ġranet iżjed tard, imma minn dak li xehdet hi, dan jidher improbabbli. Jidher iktar probabbli li, dakinhar stess li waslu, ħalliethomlu fuq il-mejda fejn dejjem tħallielu l-posta. Hu possibli ukoll li qaltlu bihom, forsi permezz ta' telefonata bil-mobajl, imma dan ma joħroġx ċar. Jekk inhu l-każ, bħal ma l-qorti ssib li hu probabbli, li ħallietlu l-posta fuq il-mejda bħas-soltu, wieħed jista' raġonevolment jassumi li hu rahom, jew almenu ġabarhom, filgħaxija ta' dakinhar stess, jew l-għada filgħodu. Jekk inhu hekk, hu probabbli ukoll li s-sur Mangion fehem - anki mingħajr informazzjoni mingħand ommu - li l-karti kienu waslu jew dakinhar li ġabarhom, jekk ġabarhom filgħaxija, jew il-ġurnata ta' qabel, jekk ġabarhom filgħodu. Dan ifisser li l-probabbiltà hi li hu fehem li d-dokumenti kienu waslu fil-11 ta' Ġunju 2021. Dan anki għaliex ma hemmx prova li hu ma kienx reġa lura d-dar dakinhar wara li kien barra tul il-ġurnata.

6. Il-qorti għalhekk issib, bħala fatt, li s-sur Mangion kien jaf li r-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ waslu fil-11 ta' Ġunju 2021. Ma hemmx kwistjoni li n-notifika kienet valida u li r-rikors kien fih l-avviż li jrid l-art. 158(3)(d) tal-Kap. 12, jiġifieri li kellu avviż li kellu għoxrin jum biex jirrispondi, b'indikazzjoni tal-konsegwenzi jekk ma jirrispondix fil-ħin. Minkejja dan, hu ressaq ir-risposta fit-2 ta' Lulju 2021, jiġifieri ġurnata tard.

7. Bażat fuq is-sejbien fattwali li għamlet il-qorti, jidher li s-sur Mangion għamel żball meta kkalkula ż-żmien li kellu biex jirrispondi.[1] Kien żball li seta' jevitah, li kieku qagħad iktar attent. Fi kliem ieħor, kien neġligenti. Issa skont l-art. 158(10) tal-Kap. 12 konvenut jitqies kontumaċi jekk ma jippreżentax ir-risposta maħlufa fl-għoxrin jum li tagħtih il-liġi sakemm ma jurix 'raġuni tajba' għad-dewmien. Imma, skont ġurisprudenza tista' tgħid kostanti għal iktar minn mitt sena, in-negliġenza ma tikkwalifikax bħala 'raġuni tajba'. Kif inhu imfisser fis-sentenza *Cassar v Vassallo* (Vol XXIX.i.1581) - sentenza li ġabret il-prinċipji li kienu tfasslu f'sentenzi li jmorru lura almenu sa mill-1886 u ċċitata b'approvazzjoni b'mod kważi universali - il-qrati tagħna jgħidu, in effett, li l-kontumaċja tista' tiġi megħluba biss jekk ir-raġuni għaliha kienet il-forza maġġuri.[2] Żgur li n-negliġenza, jew il-kolpa, ma tikkostitiwix 'raġuni tajba'.

8. Għalhekk, billi l-qorti sabet li l-konvenut kien negliġenti, sejra tiddikjarah kontumaċi u, konsegwentement, sejra tordna li r-risposta maħlufa tiegħu titneħħa mill-proċess. Naturalment dan ifisser ukoll li s-sur Mangion mhux ser ikun possibli għalih li jilqa' għax-xilja tal-attriċi, ħlief fin-nota li jippermettilu l-art. 158(10) tal-Kap 12. Il-qorti ser timxi b'dan il-mod mhux għaliex taħseb li d-deċiżjoni tagħha hi neċessarjament konformi mal-liġi, imma għaliex m'għandhiex tkun hi, qorti ta' prim'istanza, li tittenta tegħleb ġurisprudenza paċifika.[3] Imma anki ġurisprudenza bħal din tista', u forsi għandha, tiġi maħsuba mill-ġdid minn żmien għal żmien, naturlament bir-rispett - iżda mhux neċessarjament riverenza - dovuta lejha. Il-ħsibijiet segwenti jistgħu forsi ikunu ta' interess jekk tali reviżjoni titqies desiderabbli:

a. In-nuqqas tal-konvenut li, sa mid-dritt Ruman, kien meqjus ċensurabbli kien dak ta' nuqqas ta' rispett, jew kif jingħad kultant, ta' dispett, lejn l-awtorità tal-qorti. Hu għalhekk li d-dewmien fit-tqegħid tar-risposta, jew in-nuqqas totali ta' risposta, jew ta' dehra, huma meqjus bħala kontumaċja, li ġġib magħha il-konsegwenzi serjissimi li ġja rajna. Iżda mhux ċar, almenu għal din il-qorti, ħlief b'referenza

---

[1] Għal każ b'fatti simili, ara *Farrugia v Grech,* Vol. XXVI, paġ. 286 (23 ta' Jannar 1926, Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), per Imħallef L. Camilleri) fejn il-qorti qalet hekk: "Attesocchè nella fattispecie l'appellante non ha provato altro, se non che egli fu in errore quanto al giorno a cui era stata differita la causa; ma tale errore era vincibile ed esso si equipara a colpa".

[2] Il-ġurisprudenza ma titkellimx testwalment dwar forza maġġuri. Imma l-kriterji f'*Cassar v Vassallo* hemm iwasslu.

[3] Ara *Strickland v Adams Hunter,* 15 ta' Diċembru 1939, li fiha ntqal li hi l-prassi tal-qrati tagħna li qorti ta' ġurisdizzjoni inferjuri li ma taqbilx ma opinjoni ta' qorti superjuri taċċettaha minkejja li, strettament, mhix marbuta biha. Jidher li, anki fir-rigward tad-dottrina tal-preċedent, is-sistema tagħna hi waħda mista.

għal dottrina mibnija fuq il-kunċett divin ta' l-awtorità kif kien elfejn sena ilu, kif in-negliġenza sempliċi jew ordinarja, għall-kuntrarju ta' dik grossolana, tista' jew għandha titqies li turi li l-konvenut mhux biss naqas mir-rispett dovut lill-qorti imma, agħar minn hekk, li ried juri dispett lejha.[4] Jekk nieħdu dan il-każ, ma jidhirx li s-sur Mangion ma kkunsidrax bis-serjetà dovuta l-inġunzjoni fir-rikors ġuramentat biex jirrispondi f'għoxrin jum. Mar għand avukat, tah struzzjonijiet biex jirrispondi minkejja li (almenu skont kif xehed) kellu problemi biex iħallas l-ispejjeż, u jidher li għamel attentat serju biex jirrispondi fil-ħin. Veru li, kif rajna, għamel żball, u li kien żball li seta' jevitah, imma b'daqshekk jista' jingħad li – almenu skont kif il-kunċett ta' l-awtorità hu mifhum illum - wera nuqqas ta' rispett jew, addirittura, dispett lejn l-awtorità tal-qorti?

Il-qorti tqis li jista' jkun hemm lok ta' konsiderazzjoni mill-ġdid dwar kemm għadha ġustifikata - fid-dawl ta' konsiderazzjonijiet tat-tifsira ordinarja tal-kliem użati, u tal-kunċetti sottostanti kif inhuma mifhuma fid-dinja tal-lum - l-interpretazzjoni li tekwipara 'raġuni tajba' mal-forza maġġuri. Ta' min jgħid, f'dan il-kuntest, li sal-1913 il-liġi proċedurali ma kienitx taħseb għall-possibilità li l-kontumaċja tiġi ġustifikata. It-test oriġinali tal-liġi kien assolut. Minkejja dan, il-qrati bdew, maż-żmien, jnaqqsu xi ftit mis-severità tal-liġi, u dan jidher li għamluh billi rriferew, almenu indirettament, għall-eċċezzjonijiet li kienu ħasbu fihom il-ġuristi Rumani, skont li hemm miktub f'Tit. 11 tat-Tieni Ktieb tal-Pandette ta' Ġustinjanu (eċċezzjonijiet għal sitwazzjonijiet li l-konvenut ma kellux kontroll fuqhom).[5]

Biss, permezz tal-Ordinanza nru. XV tal-1913, il-liġi proċedurali nbidlet: fiha ġie dispost li l-kontumaċja tista' tingħeleb għal dik li ssejjħet 'giusta causa' jew, bl-ingliż, 'a reasonable excuse'. Kif rajna, il-qrati tagħna kienu, ferm qabel l-

---

[4] Mhux qed jiġi suġġerit li l-għerf ta' elfejn sena ilu m'għandux jiġi rispettat. Imma biss li għandha inqisuh fid-dawl ta' dak li qal ġurista ta' dak iż-żmien: *In a discussion of this kind our interest should be centred not on the weight of the authority but on the weight of the argument. Indeed the authority of those who set out to teach is often an impediment to those who wish to learn. They cease to use their own judgment and regard as gospel whatever is put forward by their chosen teacher.*

[5] Għal studju interessanti ta' l-istorja tal-kuntumaċja, ara *Spiteri Bailey et v Unique Investments Holding Limited*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Jannar 2020, per Imħallef G Mercieca. Ara ukoll is-sentenzi li hemm referenza għalihom fis-sentenza li għamlet sommarju tad-dottrina, jiġifieri *Cassar v Vassallo,* Vol. XXIX.i.1581, 29 ta' Mejju, 1937, Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), per Imħallef Harding.

introduzzjoni ta' din il-frażi, jillimitaw is-severità tar-regola tal-kontumaċja permezz ta' riferenza għall-ġustifikazzjonijiet fil-Pandette; u kienu jirreferu għal tali konsiderazzjonijiet ġenerikament bħala 'giusta causa'.[6] Ma jidhirx, però, li l-qrati qatt qiesux jekk, bl-introduzzjoni statutorja tal-possibilità ta' ġustifikazzjoni, saritx biss kodifikazzjoni ta' dik il-ġurisprudenza, jew jekk il-liġi kif emendata kellhiex l-effett li twessa' l-ġurisprudenza, jew almenu li tħalli l-possibilità li titwessa'.[7] Jista', per eżempju, jiġi argumentat li jekk il-liġi riedet tillimita l-possibilità ta' ġustifikazzjoni għal każi ta' forza maġġuri, dan kienet tgħidu espressament, minflok tuża frażi li, meħuda litteralment, hi ferm usa'.

b. Il-qrati kemm il-darba osservaw li l-kontumaċja hi punittiva. Kemm hi kongruwa, almenu fil-konċezzjoni attwali tal-liġi, sanzjoni punittiva ma' sempliċi żball? U, forsi iktar minn hekk, kemm hi prorpzjonata? Wieħed jifhem li għandu jkun hemm konsegwenza għal min, ngħidu aħna, ma jidhirx meta kawża titqiegħed għas-smigħ, għaliex jekk jagħmel hekk, ikun qed itellef ħin lill-qorti u ħin lill-kontroparti, u kif ukoll spejjeż. Wieħed jifhem ukoll li l-kontumaċja kif konċepita fil-bidu kienet konsegwenza ta' nuqqas ta' attendenza, li mhix xi ħaġa li, kif ingħad, m'għandhiex ikollha konsegwenzi, anki serji. Imma llum, ir-risposta kważi dejjem tkun trid titqiegħed fil-proċess qabel is-smigħ u dewmien fil-preżentata ħafna drabi ma jkollu l-ebda konsegwenza prattika, fis-sens li ma jtawwalx il-proċeduri, ma jtellifx żmien lill-qorti jew lill-kontroparti, u lanqas jikkontribwixxi għal iktar spejjeż. B'dan il-qorti ma tridx tfisser li, jekk ikun hemm dewmien, dan għandu dejjem jiġi ġustifikat, jew li m'għandux ikun konsegwenzi. Il-punt hu biss li dawn il-fatturi għandhom jitqiesu meta wieħed jevalwa jekk, illum, għandhiex tinżamm l-interpretazzjoni li raġuni valida ma tistax tinkludi nuqqas kolpuż.

---

[6] Ara *Vella v Pensa,* Vol. IV, paġ. 138, 10 ta' Jannar 1868, Qorti ta' l-Appell

[7] Ma jidher li jeżisti l-ebda dokument preparatorju (*travaux préparatoires*) li jista' jgħin fl-interpretazzjoni tal-Ordinanza Nru. XV tal-1913. Forsi l-assunzjoni kienet li billi l-liġi tuża t-terminoloġija tal-ġuridprudenza ta' qabel, allura l-liġi tfisser dak, u dak biss. Imma din hi assunzjoni kbira.

c. Hemm ukoll, ikollu jingħad, element qawwi ta' inkongruwenza f'kif jiġi trattat konvenut talli jittarjdja fil-preżenta ta' risposta ma' nuqqasijiet oħra. Nieħdu din is-silta:

> "Wara kollox, kif inhuwa sew miżmum fil-ġurisprudenza, l-istitut tal-kontumaċja huwa maħsub biss biex irażżan l-imġiba ta' dispett u ta' nuqqas ta' ubbidjenza min-naħa ta' min ikun ġie mħarrek biex jersaq quddiem il-Qorti (ara ***Multigas Limited v. Cherubino Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017), imġiba din li l-liġi tħares lejha bħala għemil li jistħoqqlu piena, *viz.* dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi, peress li tali mġiba tammonta għal forma ta' diżordni soċjali (ara ***Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014)."[8]

Il-problema, kif taraha din il-qorti, mhix fil-prinċipju bħala tali, imma f'kif jiġi applikat. In-nuqqas ta' osservanza tal-ordnijiet ta' dawn il-qrati hi, ikollu jingħad, ħaġa ta' kuljum; u hi tollerata. Kemm isiru verbali biex kawża titħalla, ngħidu aħna, għall-provi, u xi kultant il-provi kollha, ta' parti, addirittura anki 'għall-aħħar darba' għal dan l-iskop, biex jiġu injorati u qisu ma ġara xejn? U kemm-il darba l-qorti terġa tagħti iktar ħin biex il-parti tirrimedja, bir-riżultat ta' dewmien enormi fil-proċess, u anki konsegwenzi oħra?

Il-qrati rari japplikaw sanzjoni, xi kultant għal raġuni ġustifikata. U meta tiġi applikata, ġeneralment tieħu forma li mhix punittiva, ċertament mhux punittiva b'mod sproprzjonat (għall-parti li tkun naqset). Biss, però, meta konvenut jagħmel żball, napplikaw jew, aħjar, ninterpretaw, il-liġi kontrih bl-iktar mod sever, u bil-konsegwenza sproporzjonata li nafuha sew.

d. Jekk dawn il-konsderazzjonijiet mhumiex meqjusa tajba jew suffiċjenti, forsi jista' jiġi kkunsidrat kemm l-art. 158(10), kif interpretat, hu konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni, partikolarment jekk hemmx proporzjonalità bejn l-iskop tal-liġi u l-miżura punittiva addottata biex tilħaq dak l-iskop.[9] Naturalment, jekk din il-kwistjoni tiġi kkunsidrata mill-Qorti ta' l-Appell, dik il-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni kostituzzjonali, imma forsi hu l-waqt ukoll li dik il-qorti tqis jekk għandhiex – formalment u espressament - taddotta l-prinċipju interpretattiv li l-

---

[8] *Paul Degiorgio v Paula Degiorgio*, Qorti tal-Appell, 23 ta' Novembru 2023
[9] Ara, fost oħrajn, *Brualla Gómez de la Torre v. Spain*, 19 ta' Diċembru 1997, § 33, *Reports of Judgments and Decisions* 1997-VIII u *Edificaciones March Gallego S.A. v. Spain*, 19 ta' Frar 1998, § 34, *Reports* 1998-I.

liġijiet ordinarji għandhom jitfissru fid-dawl tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni;[10] u li f'dan id-dawl tikkunsidra li tbiddel l-interpretazzjoni tal-art. 158(10), anki jekk tqis l-interpretazzjoni kurrenti bħala storikament valida u anki korretta bħala kwistjoni ta' dritt ċivili.

Għar-raġunijiet mogħtija f'para. 1 sa 7, il-qorti tiċħad it-talba tal-konvenut Claudio Mangion biex id-difiża tiegħi tintlaqa' tardivament, tikkonferma l-kontumaċja tiegħi u tordna l-isfilz tat-tweġiba ġuramentata mill-atti ta' din il-kawża.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[10] Għal perspettiva ta' dritt komparattiv, il-pożizzjoni fl-Ingilterra u fl-Italja tista' titqies ta' interess. Fl-Ingilterra il-qrati issa għandhom obbligu statutorju li jaqraw u jagħtu effett lill-liġijiet ordinarju b'mod kompatibbli mal-Konvenzjoni (art. 3, *Human Rights Act* (UK). Interessanti ferm f'dan ir-rigward hu dak li qal Lord Bingham dwar dan l-obbligu f'*Sheldrake v Director of Public Prosecutions* (2004) UKHL 43. Fl-Italja, il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet b'mod ċar li l-liġi ordinarja trid, kull fejn hu possibbli, tiġi interpretata f'konformità mal-Kostituzzjoni Taljana: ara Corte costituzionale - The Functions of the Court